MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U L-INTERN

MINISTRY FOR JUSTICE
AND HOME AFFAIRS

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Rif Tagħna: LCD 7/2002
LCD 13/1994/IX

4 ta' Awissu, 2004

Lis-Sindki
Kunsilli Lokali

## Memo 19/2004

### *Car Free Day* fit-22 ta' Settembru 2004 bħala parti mill-*European Mobility Week*

Il-*European Mobility Week*, illum il-ġurnata hi meqjusa bħala inizzjattiva Ewropea ta' suċċess. Is-sena l-oħra, f'din l-inizzjattiva ipparteċipaw 295 bliet u rħula minn 21 pajjiż, fosthom 24 lokalitajiet Maltin.

Din is-sena, din l-attività ser tkun organizzata bejn is-16 u t-22 ta' Settembru. It-tema għal din is-sena hi *Safe Streets for Children*, u l-qofol ta' l-attivita' tkun il-*Car Free Day* fit-22 ta' Settembru 2004.

Il-Kunsilli Lokali, bħas-snin l-imgħoddija, huma mħeġġa li jipparteċipaw biex b'hekk filwaqt li jingħaqdu ma' lokalitajiet minn pajjiżi Ewropej oħra, jkunu wkoll qed jikkontribwixxu biex jitkabbar l-għarfien taċ-ċittadin għall-ħsara li ssir mill-mobilita' fit-toroq permezz tal-vetturi. Barra minn hekk, il-Kunsilli li jipparteċipaw ikunu wkoll qegħdin jagħtu eżempju kif ukoll jenfażizzaw l-impenn tagħhom lejn politika sostenibbli ta' transport urban.

Il-Kunsilli li jipparteċipaw huma mħeġġa li jorganizzaw attivita' kuljum matul din il-ġimgħa, u b'mod partikolari joħorġu b'ideat fejn, skond it-tema ta' din is-sena, jinvolvu lit-tfal (per eżempju, logħob tradizzjonali fit-toroq, attivitajiet oħra fejn it-tfal ikunu jistgħu igawdu t-toroq minghajr l-ixkiel tat-traffiku). Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-website www.mobilityweek-europe.org .

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 21 226534-6 FAX: 21 224904

Sabiex l-attivitajiet ikunu kordinati, dawk il-Kunsilli li ser jipparteċipaw f'din l-attivita' huma mitluba jikkuntattjaw lill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern għall-attenzjoni tas-Sur Alan Delia, *policy co-ordinator*, fuq l-email: alan.delia@gov.mt, telefon: 22957000, jew fax: 22957344

Nirringrazzjakom ta' l-attenzjoni u nħeġġiġkom tipparteċipaw f'din l-inizzjattiva.

Natalino Attard
Direttur, Gvern Lokali